**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 305/2015AM
Numru fuq il-Lista: 14

**GO p.l.c. (C22334) f'isimha propju u a nom u 'n rapprezentanza tas-Socjeta' Mobisle Communications Limited (C24655)**
**Triq Fra Diegu, Marsa, MRS 1501**

**Vs**

**Fowler Paul Vincent (ID 66258A)**
**L-Ambjent, Blokk C, Flat 1**
**Telghet ix-Xemxija,**
**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-16 t' April, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet l-hlas ta' elf hames mija u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€1,560.87c) ammont dovut lill-istess Socjeta' mittenti in kwantu ghal mitejn u disgha u

erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€249.76c) in konnessjoni ma’ servizz ta’ internet fuq 21522400 (AC40196912) flimkien ma’ elf tlett mija u hdax-il ewro u hdax-il centezmu (€1,311.11c ) in konnessjoni ma’ servizz bin-numru 79791158 (AC40183520) flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet u drittijiet legali.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta’ Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta’ attrici li permezz tieghu xehdet li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta’ attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf hames mija u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€1,560.87) flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet u drittijiet legali.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**